MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Numru. 67/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Mariano Pirrone**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mariano Pirrone, ta’ 30 sena, iben Virgilio u Anna Maria nee’ Busuttil, imwieled Attard nhar l-24 t’ Awwissu 1977 u residenti Nru 52, Norfolk, Triq il-kappella tal-Lunzjata, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 427677M

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-28 ta’ Frar, 2008 u f’dan l-ahhar xahar qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli:

Ikkommetta dan ir-reat gewwa distanza ta' 100 metru mill-parametru ta' l-iskola bi ksur tal-Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Marzu 2004, fl-14 ta' Gunju 2005 u fil-25 t'Ottubru 2006.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat li minnha jirrizulta illi din ma kinitx l-ewwel kundanna tieghu dwar droga u l-fatt illi ir-reat jittratta dwar pussess semplici u ghalhekk il-gravanti tad-distanza ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta mhux applikabbli f’dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, b’dan illi mhux qed tiehu konjizzjoni tal-gravanti tad-distanza ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u qed tikkundanna lill-hati ghall-piena ta’ multa ta’ sitt mitt Ewro (€600), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati ta’ €50 kull erba’ gimghat, bl-ewwel pagament isir fi zmien erba’ gimghat mil-lum. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, allura l-bilanc ikun dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------